**ĦARĠA NUMRU 2** - REBBIEGĦA 2015

# NISĠET ARTNA

**PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**




06 **€5 miljun kull sena lill-bdiewa u lir-raħħala f'pagamenti diretti**

13 **Riċetta: Ħelwa tat-Tork bl-għasel**

# L-Editorjal

Insellem lilkom il-qarrejja kollha u nirringrazzja lil kull min ta sehmu biex ħriġna l-ewwel pubblikazzjoni tax-xitwa li ntlaqgħet tajjeb ferm. Xhieda ta' dan huwa l-kummenti sbieħ li rċevejna mill-qarrejja kif ukoll iż-żieda ta' dawk li jixtiequ jibdew jirċievu dan il-magażin. Tajjeb insemmu li sa dan ix-xahar, il-lista tal-abbonati qabżet l-10,000 persuna. Kull min jixtieq illi jibqa' jirċievi din il-pubblikazzjoni li toħroġ erba' darbiet fis-sena huwa mistieden li jimla l-formola li hemm f'paġna 5 u jibgħathielna. Tajjeb illi nibqgħu naħsbu kif għandna nżommu l-artikli varjati u interessanti b'mod li jirriflettu l-firxa wiesgħa ta' qarrejja li għandna, fosthom il-bdiewa u r-raħħala, id-dilettanti, in-nisa tad-dar, dawk kollha li għandhom għal qalbhom dawn l-oqsma u anke dawk illi jieħdu gost jaqraw xi magazin bil-Malti. Madankollu, nieħdu pjaċir ukoll nisimgħu mingħandkom kif għandna ntejbu din il-pubblikazzjoni u għalhekk qed nitolbukom li tgħaddulna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom jew xi artikli li tixtiequ li nitkellmu fuqhom. Dan jista' jsir billi tibgħatulna xi mistoqsijiet u kummenti, kemm b'ittri postali kif ukoll permezz tal-imejl fl-indirizzi li qed jidhru fil-ġenb ta' din il-paġna.

**Ramona Borg**


**NISĠET ARTNA**

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa MRS 3303




Naħla tirgħa fuq fjura tal-Fidloqqom


***Communications Coordinator***
James J. Piscopo
**Editur**
Ramona Borg

**Kontributuri**
Joseph Borg
Carmelo Briffa
Emanuel Buhagiar
Stefan Cachia
Philip Camilleri
Joanne Darmanin
Fiona Grech
Alden Grima
Melvin Magri
Mark Psaila
Davina Sammut
David Schembri
Mario Zammit

**Qari tal-provi**
Marcelle Agius
Christopher Bonnici

**Stampar**
5IVESTAR PRINTING SERVICES


# Werrej


**03** Sentejn ta' ħidma fil-biedja, sajd u d-drittijiet tal-annimali

**04** Il-Biċċerija: "Minn maqjel għal lukanda"

**05** L-Istorja tal-Biċċerija

**06** €5 miljun kull sena

**07** Jinfetaħ Santwarju ġdid tal-qtates f'Bormla

**08** Is-santwarji tal-annimali u x-xogħol tagħhom... kif nista' ngħin?

**10** Il-produzzjoni tal-ħalib f'Malta kif tintemm is-sistema tal-kwoti nazzjonali

**11** Jonqsu r-reati kriminali marbutin mal-kaċċa

**12** Il-prodotti tan-naħal u l-użu tagħhom fl-apiterapija

**13** Riċetta: Ħelwa tat-Tork bl-għasel

**14** Titnieda kampanja nazzjonali biex iżżid u tiddiversifika l-konsum tal-ħut

**15** In-Naspli: l-ewwel frotta tas-sena

**16** Is-siġar tal-palm u t-theddida tal-Bumunqar Aħmar

**18** Is-Siġra ta' Ġuda

**19** L-Għasfur tal-Bejt

**20** L-Agrikummerċ: Kwalifika ġdida tal-MATSEC

**21** L-Almanakk tal-ġardinar

**22** Il-fenomenu ġeoloġiku tal-Maqluba

**23** Titlobx għax-xita f'Jannar!

# Sentejn ta' ħidma fil-biedja, sajd u d-drittijiet tal-annimali



**Roderick Galdes**
Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Fl-aħħar jiem għalaqna sentejn minn mindu bdejna nservu fil-gvern. Kienu sentejn ta' ħidma kontinwa, bla waqfien, u li kruċjali sabiex nibdew inwettqu dak li wegħedna, u nibnu l-pedamenti tal-proġetti u l-inizjattivi li fadlilna nħabbru sal-aħħar tal-leġislatura.

Fl-oqsma li jaqgħu taħt is-Segretarjat tiegħi, jiġifieri l-Biedja, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, in-numru ta' miżuri li twettqu hu wieħed sostanzjali, bil-ħidma tkompli biex jitlestew ukoll il-miżuri l-oħra li fadal.

Biżżejjed insemmi li fis-settur tal-Animal Welfare wettaqna diġà 70% tal-wegħdiet elettorali. Fost dawn insibu l-ħatra tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, ħatra li saret għall-ewwel darba f'Malta, u t-tisħiħ tal-Animal Welfare Council. Kif wegħedna, żidna l-pieni kontra l-moħqrija tal-annimali filwaqt li kattarna aktar kampanji edukattivi f'dan il-qasam. Barra minn hekk, ipprovdejna żoni tal-għawm, fejn persuni jistgħu jieħdu l-kelb magħhom, u żidna l-ispazju miftuħ aċċessibbli għall-annimali, fosthom dog parks ġodda.

Fil-qasam agrikolu nedejna l-Marka ta' Kwalità biex jippremja l-prodotti lokali ġenwini, inċentivajna lill-bdiewa żgħażagħ, daħħalna l-użu tat-teknoloġija u l-faċilitajiet li jgħinu fit-titjib tal-prodott fil-pitkalija u l-pixkerija, u nedejna wkoll l-ewwel kunsill konsultattiv dwar l-agrikoltura f'Malta. Tajna wkoll l-għajnuna neċessarja biex produtturi tat-tadam ikomplu jinvestu fil-prodott tagħhom, u konna minn fost l-ewwel pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li nedejna l-għajnuniet tal-pagamenti diretti lill-bdiewa wara deroga speċjali li nnegozjajna b'suċċess għal pajjiżna.

Fil-qasam tas-sajd għaddejjin bil-ħidma biex is-sajjieda jkollhom infrastruttura adegwata bħal *hardstanding facilities* u *landing sites*, ikkreditajna l-bolla lis-sajjieda meta l-istaġun tas-sajd ikun magħluq, ħejjejna strateġija nazzjonali għall-akwakultura u dalwaqt niftħu l-pixkerija l-ġdida.

Sadanittant komplejna wkoll bir-riforma fil-biċċerija, fejn grazzi għall-investimenti kbar li qed nagħmlu, qed insolvu problemi li kienu ilhom jeżistu snin twal, fosthom żbruffar ta' demm fl-inħawi viċin il-biċċerija nfisha.

Dan hu biss parti mix-xogħol li qed isir biex ikomplu jittejbu s-setturi lokali tal-biedja u sajd, u l-qasam tad-drittijiet tal-annimali. L-għan tagħna mhux biss li nsolvu l-isfidi ta' kuljum li jaffettwaw lil dawn is-setturi, iżda wkoll li nkomplu nimbuttaw il-viżjoni li għandna permezz ta' dawn ir-riformi u inizjattivi li wħud minnhom se ssibu aktar dettalji dwarhom f'dan il-magażin.

Inselli għalikom.

**Irriklama fuq dan il-magażin**

**IKKUNTATTJANA FUQ**
**Tel:** 2292 4110 • **Email:** nisgetartna.msdec@gov.mt
**www.agric.gov.mt**

NISĠET ARTNA



Stefan Cachia

# Il-Biċċerija

## "Minn maqjel għal lukanda"

**"MINN MAQJEL GĦAL LUKANDA".** Fi ftit kliem sempliċi iżda espliċiti, hekk iddeskriva wieħed raħħal il-kambjament li twettaq fil-*lairage* tal-baqar u l-għoġġiela fil-Biċċerija Pubblika tal-Marsa.

Il-*lairage* huwa l-post fejn l-annimali jitqiegħdu hekk kif jaslu fil-biċċerija. Ir-regolamenti Ewropej jistipulaw li kull biċċerija għandu jkollha post adegwat fejn tilqa' lill-annimali. Dawn għandhom jinżammu b'mod li jkun żgurat il-benesseri tal-annimal meta jittieħdu inkonsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari ta' dik l-ispeċi. Fost l-oħrajn, ir-regolamenti jesiġu li annimali ta' speċi differenti ma jitqiegħdux flimkien, jistabbilixxu livelli ta' iġjene, jobbligaw il-provvista suffiċjenti ta' ilma, kif ukoll il-ħtieġa li l-annimali jkollhom l-ispazji neċessarji biex jimxu fid-direzzjoni meħtieġa, skont il-karatteristiċi ta' mġiba tagħhom u mingħajr distrazzjoni. L-operatur tal-biċċerija jrid ukoll jiżgura li l-annimali jkunu sajmin għal mhux aktar minn tnax-il siegħa u nodfa.

Il-biċċerija pubblika fil-Marsa infetħet fl-1897 u maż-żminijiet sarilha ħafna tibdil biex il-post, it-trattament tal-annimali u l-proċess tal-qatla jiġu aġġornati maż-żminijiet waqt li fl-istess ħin jkun imħares il-benesseri tal-annimali u żgurat livell adegwat ta' iġjene fil-laħam li jmur għall-konsum taċ-ċittadin Malti.

Kif tħabbar fid-diskors tal-baġit għall-2015, il-Gvern preżentament jinsab għaddej bi programm estensiv ta' ristrutturar u rinnovament fil-Biċċerija Pubblika u dan bħala parti minn programm olistiku li għandu l-mira li, fuq medda ta' snin, ibiddel il-Biċċerija f'vetrina tal-kwalità tal-prodott Malti.

Bħala parti minn dan il-programm, fil-ġimgħat li għaddew tlesta x-xogħol fuq il-*lairage* fejn jinżammu l-baqar u l-għoġġiela li jidħlu fil-biċċerija. Dan kien jinkludi titjib strutturali fil-*lairage* fejn inbidlet is-sistema tal-elettriku u l-ilma u ntużat żebgħa apposta li mhux biss ma żżommx il-ħmieġ iżda tiffaċilita t-tindif tal-post. "Aħna konxji li l-annimal jistħoqqlu trattament xieraq anki fl-aħħar ta' ħajtu" spjega l-Uffiċjal Kap tal-Biċċerija, Manuel Schembri. "Dan jiżgura mhux biss il-benesseri tal-annimal skont in-normi eżistenti, iżda l-ambjent pjaċevoli jiżgura li l-annimal jinżamm kalm u hekk tkun żgurata l-kwalità tal-laħam. Barra minn hekk, aħna wkoll kommessi li niżguraw l-aqwa iġjene f'kull stadju tal-proċess fil-biċċerija, waqt li nipprovdu ambjent akkoljenti kemm għar-raħħala li jġibu l-bhejjem tagħhom fil-biċċerija kif ukoll għall-impjegati tal-istess biċċerija."

# L-istorja tal-Biċċerija

F'Malta, il-qatla ta' annimali għal konsum uman ilha ssir. Arkivji Medjevali juru l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni dwar il-qatla tal-annimali, fosthom dwar kif jista' jiġi ppreżentat il-laħam għall-bejgħ, min hu awtorizzat biex joqtol l-annimali, fejn jista' jinbiegħ il-laħam, u l-bqija

1636-1657 fil-perjodu tal-Kavallieri, il-Gran Mastru Jean Lascaris Castellar ordna li l-qatla tal-bhejjem għall-konsum uman għandu jsir fil-Belt Valletta, fl-inħawi madwar dik li kienet magħrufa bħala l-Gran Fontana.

Mejju tal-1566 skoprew b'kumbinazzjoni nixxiegħa naturali f'dik li llum hi Triq San Kristofru, faċċata ta' Triq Zekka l-Qadima. L-istess Gran Mastru Jean Lascaris Castellar bena wkoll tmien imħażen fi Triq San Kristofru għall-użu bħala parti mill-biċċerija; erbgħa kull naħa tat-triq li twassal għall-Bieb tal-Lhud .

Sal-1667, it-tmien imħażen kienu maqsuma fi tnejn għal total ta' sittax-il maħżen. Maż-żmien, anki l-Gran Fontana bdiet tissejjaħ La Fontana della Bucieria (biċċerija), isem li ħaditu mill-bini tal-biċċerija, bini li għadu wieqaf sa llum fuq wara tal-istess funtana.

Fl-1897 twaqqfet u bdiet tiffunzjona, il-biċċerija F'Albert Town, il-Marsa. Propjament, fis-sit kien hemm kemm il-biċċerija militari kif ukoll dik ċivili. Matul is-snin, din il-biċċerija sarulha ħafna xogħlijiet ta' titjib.

Fl-1974 partijiet minn din il-biċċerija twaqqgħu u nbnew mill-ġdid. Partijiet oħra ġew rikonoxxuti bħala wirt arkeoloġiku industrijali, u ġew, jew jinsabu fil-proċess li jiġu restawrati. Xogħol ieħor ta' tiġdid sar fis-snin tmenin kif ukoll fil-perjodu li wassal għas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, meta l-Biċċerija Pubblika ġiet imtejba biex tilħaq standards Ewropej.

Fl-2008, kien inawgurat impjant tat-tqattigħ u spulpjar, impjant li ġie jiswa madwar miljun ewro, li ġew finanzjati taħt il-Ħames Protokol Taljan. Preżentament, il-Biċċerija Pubblika qed timplimenta programm estensiv ta' ristrutturar u r-rinovar bħala parti minn programm ħolistiku li għandu l-mira li, fuq medda ta' erba' snin, jaġġorna l-biċċerija għal-livelli li wieħed jistenna fis-Seklu Wieħed u Għoxrin.

## Tixtieq tibqa' tirċievi kopja ta' NISĠET ARTNA?

Kull min jixtieq jibqa' jirċievi dan il-magażin għandu jimla din il-formola u jibgħatha f'dan l-indirizz ta' hawn taħt. F'każ li ma tibgħatx din l-informazzjoni ifisser li m'intix interessat/a li tirċievi dan il-magażin.

Taqsima Festi Rurali, Blokk B,
Ċentru tar-Riċerka u l-Iżvilupp, L-Għammieri
Triq l-Ingiered, il-Marsa MRS 3303

Isem u Kunjom: ______________________

Indirizz: ______________________

______________________

Lokalità: ______________________

Kodiċi Postali: ______________________

Numru tat-Telefown: ______________________



# €5 miljun kull sena lill-bdiewa u lir-raħħala f'pagamenti diretti

Bdiewa u raħħala Maltin, bejn l-2014 u l-2020 se jibbenefikaw minn ħames miljun ewro kull sena f'fondi Ewropej

Dan tħabbar mis-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes waqt li kien qed jindirizza seminar li nieda l-programm ta' Pagamenti Diretti.

Is-Segretarju Parlamentari Galdes qal li ġew magħżula dawk l-iskemi li kienu jgħoddu għas-sitwazzjoni lokali u dawk li jindirizzaw uħud mill-problemi li tiffaċċja l-agrikoltura f'Malta.

Din l-iskema se tkun differenti minn dik li ntużat bejn l-2007 u l-2014 minħabba li f'dak iż-żmien Malta kienet għażlet li tuża l-iskema ta' Pagament Uniku, madankollu, din id-darba l-għajnuna se tiġi implimentata b'ħames skemi: il-Pagament Bażiku, Pagamenti għal Prattiċi Agrikoli ta' Benefiċċju għall-Klima u l-Ambjent (*Greening Payment*), Pagament għall-Bdiewa Żgħażagħ, l-Appoġġ Akkopjat Volontarju, u Skema għall-Bdiewa Żgħar.

Is-Segretarju Parlamentari rrimarka li l-Appoġġ Akkopjat ta' natura volontarja ġie meqjus bħala l-unika soluzzjoni għal Malta biex tgħin setturi speċifiċi li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali. Għalhekk ġie allokat il-limitu massimu ta' tliet miljun ewro, u l-għajnuna se tingħata lis-setturi tal-ħalib, taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tat-tadam.

L-iskema tal-Pagamenti Diretti, taħt l-ewwel pilastru tal-Politika Agrikola Komuni sservi bħala garanzija għall-bdiewa u għar-raħħala f'forma ta' għajnuna ta' dħul bażiku. Din l-għajnuna sservi sabiex tistabbilizza d-dħul tagħhom b'mod indipendenti mill-bejgħ ta' prodotti agrikoli fis-suq.

# Jinfetaħ Santwarju ġdid tal-qtates f'Bormla

Nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2015, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes inawgura santwarju ġdid tal-qtates f'Bormla. Dan is-santwarju huwa mmexxi mill-*Carers of Stray & Abandoned Felines* (CSAF). Fil-preżent dan is-Santwarju diġà jilqa' fih aktar minn 250 qattus abbandunat jew marid.



Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes waqt il-ftuħ uffiċjali tas-santwarju

L-Onorevoli Galdes qal illi kif inħatar Segretarju Parlamentari kien avviċinat minn din l-organizzazzjoni li kellha bżonn sit ġdid biex topera minħabba li ma setgħetx tibqa' fejn kienet. Qal ukoll kif f'dawn ix-xhur li ilu jsegwi l-ħidma ta' CSAF sar progress kbir, u qtates li kienu fi stat ħażin illum ħadu s-saħħa grazzi għad-dedikazzjoni tal-volontiera.

Wara li ngħatat l-art, saru xogħlijiet bi spiża ta' madwar 20,000 ewro. Fost il-ħtiġijiet rikjesti kien hemm it-tindif u x-xogħol ta' fencing u ħadid.

Filwaqt li appella għal kull għajnuna li tista' tingħata lil dan is-santwarju, is-Segretarju Parlamentari qal li permezz tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Annimali, se jibdew kampanji ta' edukazzjoni fl-iskejjel biex titqajjem aktar kuxjenza dwar it-trobbija tal-annimali domestiċi. Fost l-oħrajn se jiġu stampati numru ta' kotba li se jingħataw b'xejn fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex.







Emanuel Buhagiar

# Is-santwarji tal-annimali u x-xogħol tagħhom... kif nista' ngħin?

F'pajjiżna għandna diversi santwarji tal-annimali reġistrati bħala għaqdiet volontarji u mhux governattivi. Volontarji għaliex imexxu lilhom infushom u jiddependu fuq l-għajnuna tad-donazzjonijiet tal-pubbliku

F'Malta għandna santwarji tal-klieb, tal-qtates u taż-żwiemel u sabiex jitmexxew jeħtieġu ħafna għajnuna ta' flus, ikel u mediċini. Dawn is-santwarji jingħataw ukoll donazzjonijiet minn preżentaturi ta' programmi tal-annimali filwaqt li jiġbru donazzjonijiet oħra billi jorganizzaw xi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi.

Bosta drabi matul is-sena, xi santwarji jorganizzaw ukoll xi *open days* bil-pubbliku jkun mistieden sabiex iżur is-santwarju u jara l-ħidma li ssir ta' kuljum minn dawn l-għaqdiet volontarji, filwaqt illi jkun jista' jibda joffri ftit ħin ta' għajnuna lil dik l-organizzazzjoni. Għajnuna volontarja tista' tkun billi wieħed imur u jgħin ftit fit-tindif u ż-żamma tal-ambjent tal-post b'mod adegwat għall-annimali residenti, joħroġ lil xi annimal residenti għal dawra qasira, u affarijiet oħra li għalkemm ma jiswewx flus, jagħtu lil dawn il-ħbieb tagħna ftit ħin illi żgur japprezzawh! Ikun tajjeb ħafna li ngħinu lil dawn is-santwarji b'kull mezz possibbli, għax kull qatra tgħodd.

Il-gvern ukoll jagħti sehmu f'għajnuna, kemm f'dik li hija kirja tal-art jew post kif ukoll f'xi tagħmir li jkun jirrikjedi s-santwarju. Dawn is-santwarji tista' tgħid li dejjem ikunu mimlijin bl-annimali. Tant hu hekk, illi bosta drabi, meta xi ħadd isib xi kelb jew qattus barra, maħrub jew bla sid, u jkun jixtieq idaħħlu f'xi santwarju għax ma jkunx jista' jżommu hu, sfortunatament ma jiġix aċċettat minħabba li jkunu mimlijin. B'hekk, dak l-annimal, jkollu jibqa' jiġġerra barra b'dannu li ta' kuljum ikollu bżonn isib l-ikel għalih u jaħseb fejn se jistrieħ mill-kesħa tax-xitwa jew mis-sħana qalila tas-sajf.

Tajjeb li meta xi ħadd ikun se jaddotta xi kelb jew qattus, l-aħjar huwa li l-ewwel imur f'xi santwarju jistaqsi jekk għandhomx xi annimal kif jixtieq. Jekk ma jsibx dak li jixtieq, nissuġġerixxu li jkun tajjeb jekk wieħed jew jagħżel xi ħaġa qrib ta' dak li kien qed ifittex, inkella jistenna ftit qabel



jiddeċiedi li jixtri xi annimal. Tkun opra ta' karità ma' dak l-annimal li wieħed jaddottah u jieħdu d-dar miegħu, u tkun opra ta' karità wkoll, b'mod indirett ma' dawk l-annimali li qegħdin jiġġerrew barra fit-triq, għax b'hekk jinħolqu aktar postijiet vojta fis-santwarji li jistgħu jimtlew faċilment b'uħud minn dawk l-annimali li qed jiġru barra.

Huwa ferm importanti li qabel naddottaw inkunu ċerti li għandna biżżejjed ħin għalih ħalli ngawdu lil xulxin u mhux jispiċċa jbati. Għalhekk jekk rarament inkunu d-dar għax dejjem mimlijin bl-impenji, l-għażla li naddottaw "wild ġdid" tista' tkun kemxejn esaġerata. Xorta waħda nistgħu nagħtu xi donazzjonijiet lil xi santwarji sabiex permezz tagħhom ikunu jistgħu jrabbu lil dawn l-annimali f'isimna.

Barra minn hekk, qabel naddottaw irridu nagħmlu ftit kalkoli, bħal, issa se jiżdiedu l-ispejjeż, għax dan il-"wild ġdid" jeħtieġ jiekol u jixrob, sodda komda u jkollu bżonn il-kura. Għalhekk tajjeb illi dawn il-kalkoli jsiru qabel, anke billi nieħdu parir mingħand min jifhem, bħal xi veterinarju, mexxejja tas-santwarji, min addotta *pet* qabilna, u oħrajn. Jekk se naddottaw *pet* minn barra, l-aħjar ħaġa hija li nieħduh għand veterinarju ħalli jara li jinsab f'saħħtu u jagħtih il-kura li għandu bżonn.

Minkejja li t-trobbija ta' *pet* iġġib magħha bosta rbit, xorta waħda min addotta darba, ġeneralment jibqa' jaddotta, u dan għaliex tant jorbot qalbu mal-annimali li verament jiġu qishom uliedu. Irridu niftakru li aħna lkoll għandna l-familji tagħna, l-impenji tagħna, il-passatempi tagħna, iżda dawn il-ħlejjaq se jkollhom lilna biss u magħna biss se jorbtu qalbhom; għalihom se nsiru mhux biss dawk illi nieħdu ħsiebhom imma dawk illi nħobbuhom, u l-imħabba li se jagħtuna lura tkun imħabba innoċenti, ġenwina. Għalhekk ma jkunx biss att ta' karità meta naddottaw, imma anke investiment f'ħabib ġdid illi sa mewtu se jibqa' jurina mħabbtu.



# Il-produzzjoni tal-ħalib f'Malta kif tintemm is-sistema tal-kwoti nazzjonali

Il-produzzjoni tal-ħalib tal-baqar f'Malta ilha tiġi kkontrollata permezz ta' limiti fil-volumi ta' ħalib permessi għall-produzzjoni fuq bażi individwali għal kull raħħal, ferm qabel Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea f'Mejju tal-2004

Dan il-kontroll huwa intiż illi jsib bilanċ bejn il-ħtiġijiet tas-suq għall-ħalib u l-għan li jinżamm prezz li jippermetti lill-produttur jaħdem u jinvesti sabiex jilħaq l-istandards għolja ta' iġjene, benesseri tal-annimali u rispett ambjentali fit-trobbija tal-baqar tal-ħalib.

Meta Malta saret membru sħiħ fl-Unjoni Ewropea kien hemm tibdil sostanzjali fl-amministrazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu, hekk kif is-settur tal-ħalib Malti daħal fis-sistema imposta mil-liġi Ewropea dwar il-kwoti ta' produzzjoni nazzjonali. Din is-sistema minn meta bdiet fl-1984 kellha l-għan illi tkun temporanja, madankollu ġiet estiża għal bosta drabi fis-snin tmenin u disgħin, bl-estensjoni finali maqbula fir-riforma tal-PAK fl-2003 kienet li tintemm fil-31 ta' Marzu 2015.

Wara l-kriżijiet tal-ħalib fis-swieq Ewropej li kienu seħħew fl-2009, kienet twettqet diskussjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea li wasslet għal regolament ġdid sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi f'dan is-suq, u jiġu evitati kriżijiet simili. Dawn huma magħrufa bħal l-"*Milk Package*", li huwa maħsub sabiex jagħti garanziji u jtejjeb il-pożizzjoni tal-produtturi tal-ħalib fid-dawl tat-tmiem tal-kwoti.

Permezz ta' dawn ir-regolamenti, il-pajjiżi jistgħu jħejju qafas legali sabiex il-ftehim għall-bejgħ u x-xiri tal-ħalib nej bejn produttur u proċessur ikunu koperti minn obbligu kuntrattwali, skont numru ta' klawsoli minimi obbligatorji. Dan il-ftehim jista' jkun fil-forma ta' obbligi fl-istatut, fejn il-produttur ikun membru f'kooperattiva li tipproċessa l-ħalib, u ta' kuntratt f'relazzjoni diretta bejn raħħal u proċessur.

Il-ftehim għandu jipprovdi wkoll numru ta' garanziji minimi fosthom id-data kemm se jdum attwat il-kuntratt, data li trid tkun twila biżżejjed u tagħti garanzija lill-produttur sabiex ikun jista' jtejjeb l-operat tiegħu f'każ illi tinbidel id-domanda għall-ħalib mir-razzett tiegħu, kif jiġi stabbilit il-prezz tal-ħalib miftiehem bil-quddiem, u xi kwantitajiet ta' ħalib jiġu negozjati.

B'hekk produtturi li matul dawn l-aħħar snin investew fir-razzett tagħhom u għamlu dak kollu mitlub minnhom sabiex jiġu konformi mal-obbligi tal-produzzjoni, ikunu jistgħu jgawdu minn dan il-livell ġdid ta' protezzjoni legali fl-operat tagħhom. Mill-banda l-oħra, il-proċessuri jkollhom iżjed serħan il-moħħ li l-obbligi kummerċjali li għandhom huma marbutin ma' qafas li jitlob impenn u serjetà fl-operat min-naħa tar-raħħal.

Għal dan il-għan, il-Ministeru qed iħejji, f'konsultazzjoni mar-raħħala u l-proċessuri, qafas legali ġdid li jdaħħal fis-seħħ dawn ir-regolamenti skont il-ħtiġijiet tas-settur Malti. L-għan jibqa' dejjem dak illi filwaqt li sseħħ din it-tranżizzjoni li ser toffri xi opportunitajiet ta' produzzjoni ġodda, tiġi garantita l-istabbiltà fil-kundizzjonijiet ta' produzzjoni li huma tant meħtieġa għas-suċċess u s-sostenibbiltà tar-raħħala f'dan is-settur.

# Jonqsu r-reati kriminali marbutin mal-kaċċa

Statistika ppubblikata mill-gvern turi li fl-aħħar staġun tal-kaċċa, fil-ħarifa li għaddiet, ir-reati kriminali marbuta mal-kaċċa naqsu b'mod konsiderevoli meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2012 u l-2013.

Din l-istatistika turi kif l-awtoritajiet għamlu madwar 16,500 spezzjoni, jiġifieri d-doppju tal-ispezzjonijiet li saru matul is-sena ta' qabel. L-awtoritajiet għamlu wkoll aktar minn 2,500 *spot-check* fuq kaċċaturi individwali, u qabdu 106 reati. B'konsegwenza ta' dan, ittieħdu passi legali kontra 83 persuna.

Skont il-gvern, il-fatt li żdiedu l-pieni għal dawn ir-reati serva bħala deterrent, filwaqt li ħalla l-effett tiegħu wkoll l-irdoppjar tal-infurzar tal-liġijiet.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal li l-miżuri implimentati s'issa mill-awtoritajiet, kellhom effett notevoli fuq ir-rata tal-kriminalità marbuta mal-kaċċa.

"Bħala gvern aħna impenjati biex niżguraw li dawn ix-xejriet pożittivi jkomplu jiġu kkonsolidati u sostnuti fix-xhur li ġejjin, bl-għan aħħari li tinqered għalkollox il-kaċċa illegali ta' tajr protett," qal l-Onorevoli Galdes.

L-istaġun tal-ħarifa jibda mill-1 ta' Settembru u jispiċċa fl-aħħar ta' Jannar.

Intant, is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ppubblika wkoll rapport xjentifiku u indipendenti li juri l-influss tal-gamiem u tas-summien. L-istudju juri li filwaqt li f'Settembru u Ottubru 2014 intlemħu madwar 8,000 gamiema u 45,700 summiena, fi tliet ġimgħat biss, f'April 2014, intlemħu 25,000 gamiema u kważi 38,000 summiena.



# Il-prodotti tan-naħal u l-użu tagħhom fl-apiterapija

Melvin Magri



**L-Għasel**

In-naħal jiġbor il-meraq tal-fjuri u jibdlu f'għasel. In-naħal jikkonsma l-għasel għall-enerġija peress li huwa magħmul minn żewġ tipi ta' zokkor naturali: il-fruttosju u l-glukosju. Minħabba f'hekk, ħafna atleti jikkonsmaw l-għasel biex jagħtihom enerġija immedjata. L-għasel, apparti li jintuża ħafna fil-ħlewwiet, jintuża wkoll fl-Apiterapija. Huwa tajjeb ħafna biex jikkalma s-sogħla, biex itejjeb in-nutrizzjoni, kif ukoll jiġi użat esternament għall-fejqan tal-feriti.



**It-Trab tad-Dakra *(Pollen)***

It-Trab tad-Dakra huwa l-parti maskili li tintuża fid-dakra naturali tal-frott. In-naħal jiġbor it-trab tad-dakra bħala ikel għalih peress li fih in-nutrijenti kollha li għandu bżonn. Pero`, dan għandu wkoll jiġi kkunsmat mill-bniedem peress li hu sors tajjeb ħafna ta' vitamini, minerali u protein, u għandu livelli baxxi ħafna ta' xaħam u melħ. It-Trab tad-Dakra jtejjeb in-nutrizzjoni u jgħin biex wieħed jirkupra saħħtu malajr wara xi influwenza. Fl-Apiterapija jintuża kontra l-infjammazzjoni tal-prostata, l-allerġiji kif ukoll jipproteġi l-ġisem mir-raġġi u l-kanċer. Jgħin ukoll is-sistema diġestiva u l-fwied.



**Iż-Żaftura *(Propolis)***

Iż-Żaftura hija tip ta' resina li n-naħal jiġbor mill-għejun tas-siġar biex jissiġilla u jiddiżinfetta l-bejta tiegħu. Iż-Żaftura normalment tinħall fl-alkoħol u tintuża f'forma likwida. Fl-Apiterapija tintuża l-aktar bħala antisettiku naturali kontra l-infezzjonijiet fil-ħalq u l-ġriżmejn, feriti, problemi tal-ġilda, ħruq, eċċ...



**Il-Ġelatina Rjali *(Royal Jelly)***

Il-Ġelatina Rjali għandha lewn bajdani u konsistenza magħquda. Hija l-ikel speċjali li n-naħal jipproduċi huwa stess biex jitma' lir-reġina meta din tkun għadha qed tiżviluppa. Il-Ġelatina Rjali għall-konsum mill-bniedem trid tinħażen fil-friġġ jew fil-friża. Fl-Apiterapija tintuża biex titjieb in-nutrizzjoni, il-metaboliżmu u l-immunita`, speċjalment f'nies kbar fl-età. Tintuża wkoll għall-fejqan minn ċertu mard ikkawżat minn mikrobi u moffa.



**Il-Velenu tan-Naħal *(Bee Venom)***

In-naħal jiddefendi l-bejta tiegħu billi jniggeż lill-aggressur b'xewka li fiha ammont żgħir ħafna ta' velenu. Fl-Apiterapija dan il-velenu jintuża kontra l-artrite, il-pressjoni għolja u ċerti problemi mentali.



**Ix-Xema' tan-Naħal *(Beeswax)***

In-naħal jipproduċi x-xema` minn glandoli li qegħdin fil-parti ta' taħt ta' żaqqu. Mix-xema` jifforma x-xehda biex fiha jrawwem il-larvi (iż-żgħar tiegħu) u jaħżen l-għasel u t-trab tad-dakra. Ix-xema` tan-naħal tintuża l-iktar fil-kosmetiċi, fil-'polish' u fil-produzzjoni tax-xemgħat. Fl-Apiterapija tintuża l-aktar għall-kundizzjonijiet fil-ġilda bħal ħruq, feriti, kallijiet u problemi oħra.

# Ħelwa tat-Tork bl-għasel

Il-ħelwa tat-tork hija deżerta tipika Maltija u ħafna jfittxuha wara xi ikla jew fil-mejda tal-ħelu waqt xi riċeviment. Huwa minnu li il-ħelwa għandha għeruq fil-kultura Maltija iżda bħala ikel tista' tgħid illi hija kosmopolitana. Dan għaliex tittiekel f'ħafna pajjiżi, fosthom fl-Ewropa Ċentrali u l-Balkani, fil-Lvant Nofsani, u fl-Afrika ta Fuq. Anke l-isem ivarja ħafna, imma b'xi mod, kulħadd isejħilha "ħelwa", "ħalwa" jew "ħalva". Lingwistikament, il-konsonanti huma l-għeruq semitiċi (Għarab) għall-kelma ħelu.

Din issir b'ħafna żrieragħ differenti, imma dik li nsibu fis-suq hija magħmula miż-żerriegħa tal-ġunġlien. Din tinsaħaq b'mod mekkaniku, u peress li ż-żerriegħa tal-ġunġlien fiha ħafna żejt veġetali, issir għaġna magħquda li tissejjaħ *tahini*. Il-kelma *tahini* wkoll għandha għeruq semitiċi, u tfisser "mitħun". L-ingredjent l-ieħor huwa z-zokkor, illi wara li jitgħalla fi ftit ilma, jitħalla fuq in-nar sakemm jilħaq it-temperatura ta' 130 ċentigrad, u b'hekk jagħqad. Minflok iz-zokkor wieħed jista' juża l-għasel tan-naħal, u f'dan l-artiklu qegħdin nipproponu wkoll riċetta li tuża l-għasel minflok iz-zokkor. Dawn huma l-ingredjenti bażiċi, imma wieħed jista' jżid ukoll xi karawett, lewż u frak taċ-ċikkulata. Hawn issibu żewġ metodi differenti ta' din ir-riċetta.



## Riċetta

### L-ewwel riċetta ssir bl-għasel:

**L-Ingredjenti**

- 300 gramma għasel;
- 250 gramma *light tahini paste*. Ara li jitħawwad tajjeb biex kull eċċess taż-żejt jitħallat tajjeb.

**Il-Metodu**

1. Iksi l-qiegħ tar-reċipjent b'karta strazza;
2. Itfa' l-għasel ġo kazzola żgħira fuq nar baxx ħafna sakemm tagħli. Ħalliha tagħli għal bejn 8–10 minuti. Importanti ħafna li tibqa` tħawwad biex tevita li l-għasel jinħaraq. Meta tara li t-temperatura tilħaq 120°C niżżilha minn fuq in-nar. Jekk ma għandekx termometru, tista' tiċċekja billi tieħu ftit mill-għasel sħun ġo kuċċarina u tniżżilha fl-ilma kiesaħ. Jekk tifforma ballun artab, ikun lest;
3. Neħħi minn fuq in-nar u ħallatha mat-*tahini*. Ħawwad sew sakemm it-taħlita tiġi ratba. Ħalliha tiksaħ għal ftit u poġġiha ġo reċipjent;
4. Ħalliha tiksaħ, għattiha u poġġiha fil-friġġ. Ħalliha toqgħod għal madwar 36 siegħa qabel taqsamha f'biċċiet, u servi.

### Fit-tieni riċetta, minflok l-għasel nużaw iz-zokkor:

**L-Ingredjenti**

- 200 gramma zokkor
- 200 gramma lewż
- 8 magħref ilma
- 260 gramma *light tahini paste*
- ftit konfettura / biċċiet żgħar taċ-ċikkulata / ċirasa
- ftit essenza tal-vanilla

**Il-Metodu**

Ġo kazzola żgħira itfa' z-zokkor u l-ilma fuq nar moderat għal madwar 20 minuta u ibqa' ħawwad bil-mod. Kif tibda tara li qed jagħli sew neħħi minn fuq in-nar. Ġo skutella ilħaq ħallat it-taħlita tat-*tahini paste* mal-konfettura u l-lewż mqatta' f'biċċiet żgħar flimkien mal-essenza tal-vanilla. Kif tlesti, itfa' bil-mod it-taħlita taz-zokkor u ħawwad sakemm l-ingredjenti kollha jagħqdu flimkien. Lesti kontenitur ta' daqs medju u poġġi taħlita b'karta strazza fil-qiegħ ġol-friġġ sakemm tagħqad sew.

KUL ĦUT FRISK
PLATT BNIN GĦALIK!



# Titnieda kampanja nazzjonali biex iżżid u tiddiversifika l-konsum tal-ħut

In-numru ta' Maltin li jieklu l-ħut hu ħafna inqas mill-medja Ewropea

F'Marsaxlokk, raħal marbut mas-sajd u s-sajjieda, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes, nieda kampanja dwar il-valur nutrittiv tal-ħut u l-importanza tiegħu fid-dieta tal-bniedem.

L-għan prinċipali tal-kampanja hu li jiżdied il-konsum tal-ħut permezz ta' strateġija li tiffoka fuq tliet aspetti: l-edukazzjoni, it-tisħiħ fl-għarfien u d-diversifikazzjoni fil-konsum. Is-Segretarju Parlamentari żvela li f'Malta, il-konsum tal-ħut huwa ħafna inqas minn dak rakkomandat. Filwaqt li l-esperti jirrakkomandaw li persuna għandha tikkonsma madwar għaxar kilogrammi ta' ħut fis-sena, il-medja f'Malta hi dik ta' ftit aktar minn sitt kilogrammi. Minbarra dan, stħarriġ li sar lokalment jindika li f'Malta, erbgħa minn kull għaxar persuni ddikjaraw li ma jiklux ħut.

Roderick Galdes irrimarka kif minbarra ż-żieda fil-konsum tal-ħut, din il-kampanja għandha l-għan li tiddiversifika l-konsum tiegħu. Saħaq li sfortunatament il-lista tal-ispeċi ta' ħut li jispiċċa fuq l-imwejjed Maltin hija qasira wisq meta mqabbla ma' dawk l-ispeċi ta' ħut li huma tajbin għall-ikel. Dan huwa riżultat ta' nuqqas ta' għarfien, kemm min-naħa tal-konsumatur li jkun għadu ma esperjenzax it-togħma ta' speċi partikolari, kif ukoll għax forsi ma tkunx servuta minħabba nuqqas ta' domanda għaliha.

Żied jgħid li l-ikkunsmar tal-ħut mhux biss jgħin biex il-poplu Malti jkollu dieta aktar sana u varjata matul is-sena kollha, imma wkoll jgħin sabiex l-industrija tas-sajd tissaħħaħ permezz taż-żieda fid-domanda mifruxa matul is-sena kollha. Fost l-oħrajn, hu għamel referenza għal speċi diversi bħall-kavall, il-merluzz, is-sawrell u l-mazzola, li jistgħu jinstabu fis-suq f'kull ġurnata tas-sena.

Fost l-oħrajn, il-kampanja se tinkludi ktejjeb informattiv f'kull dar, *leaflets* b'riċetti, lezzjonijiet tat-tisjir, kampanja fuq il-medja soċjali, *spots* fuq it-televiżjoni u r-radju, u l-użu ta' *billboards.* Se jsiru wkoll diversi attivitajiet fosthom numru ta' fieri tal-ħut f'lokalitajiet differenti f'Malta u Għawdex, u diversi żjarat edukattivi fl-iskejjel.
Għal din il-kampanja hemm immirat investiment ta' kważi nofs miljun ewro, li 75% minnu se jinħarġu mill-Unjoni Ewropea bħala parti mill-fondi tal-EFF.



# In-Naspli

## l-ewwel frotta tas-sena

Carmelo Briffa

Il-kelma naspli ġejja mill-kelma Taljana *nespolo*, filwaqt li bl-Ingliż nafuha bl-isem ta' *Japanese Medlar* jew *Loquat*. L-isem xjentifiku hu *Eriobotrya japonica,* mill-familja tar-Rosaceae, familja li tagħtina frott ieħor bħal ħawħ, nuċiprisk, berquq, ċirasa, għajnbaqar, pruna u oħrajn. L-ewwel frott ta' din is-siġra jidher għall-aħħar ta' Marzu u jibqa' fis-suq sa Ġunju. Billi għal dan iż-żmien in-nies ikunu mixtieqa mill-frott frisk, din il-frotta tkun imfittxija u tingħoġob ħafna jekk tinqata' f'waqtha, jiġifieri meta l-kulur ikun qaleb għal safrani skur jagħti fl-oranġjo.

Din hi siġra li oriġinat fiċ-Ċina u f'Malta ddaħħlet għal nofs tas-seklu dsatax u l-ewwel ma tħawwlet kien fil-Buskett fejn wieħed għadu jista' jara siġar kbar u xjuħ li għandhom fuq il-mitt sena.

In-naspli jikber f'ħamrija ta' kull tip, fonda u friska. Tibża' mir-riħ u mill-ksieħ, u mill-ilma żejjed mal-għeruq. Għalhekk l-aħjar post li wieħed jista' iħawwel din is-siġra hu f'post kenni li jħares lejn in-Nofsinhar. Trid ukoll tisqija regolari bħaċ-ċitru u b'ilma tajjeb. Titfantas jekk wieħed japplika demel naturali frisk jew demel artifiċjali b'kontenut għoli ta' fertilizzant. L-aħjar li wieħed jagħti hu demel tal-annimali misjur sewwa u/jew demel artifiċjali li ma jaqbiżx is-6-6-6 (NPK). Iż-żabra għandha tkun mill-inqas u biss biex nagħtu l-forma jew inneħħu friegħi nixfin jew morda. Jekk titħawwel f'post addattat u tkun ikkurata tajjeb tista' tilħaq għoli ta' żewġ sulari. In-naspli ma għandux bżonn bexx ħlief lejn Ġunju meta tattakkah id-dubbiena tal-frott.

Din is-siġra tħaddar is-sena kollha u billi l-weraq tagħha huma kbar fid-daqs, aħdar skur u jleqqu, għandha valur ornamentali. Il-fjuri bojod magħqudin fi blanzuni joħorġu f'Ottubru u Novembru, u għandhom fwieħa ftit miżża imma pjaċevoli u jattiraw ħafna n-naħal. Il-frott li jgħaqqad jibqa' żgħir sa Frar u mbagħad jikber malajr tant li s-siġra titgħawweġ bil-piż. Il-frott ta' xi varjetajiet isajjar f'Marzu u ta' oħrajn aktar tard anki sa Ġunju. Il-frott jista' jkun tond, ovali, jew lanġasi fil-forma, u hemm varjetajiet li għandhom daqs ta' berquqa. Il-varjetajiet jinqasmu f'żewġ tipi, dawk tal-laħam abjad u dawk tal-laħam oranġjo. In-naspli tal-laħam abjad ġeneralment huwa artab, oħla u mmerraq. In-naspli tal-laħam oranġjo huwa aktar sod, inqas ħelu u mmerraq, imma ħafna aktar addattat għas-suq.

Wara snin ta' esperimentazzjoni fil-Mixtla ta' San Vinċenz instab li l-aħjar metodu ta' tnissil hu dak tat-tilqim bis-suffara fuq nebbiet tan-naspli stess imlaħħaq miż-żerriegħa. Dan il-proċess jieħu madwar sentejn, u wara li titħawwel siġra, kkurata sewwa tagħti l-frott fi żmien sentejn jew tlieta. Saret ukoll riċerka madwar Malta u ġew identifikati numru ta' varjetajiet ta' preġju, li tagħhom ittieħdu kampjuni għat-tilqim, biex issa fil-Mixtla ta' San Vinċenz hemm kollezzjoni ta' varjetajiet li qiegħda tkun osservata u evalwata. Hemm varjetajiet oħra li għad irid ikunu misjuba u miġbura biex ma jintilfux, speċjalment varjetajiet ta' żerriegħa waħda u dawk ta' bla żerriegħa. Tajjeb li min jaqra dan l-artikolu jgħin billi jgħidilna b'xi varjetà ta' preġju u jċempel lit-Taqsima Siġar tal-Frott fuq in-numru tat-telefon 2292 4178.

# Is-siġar tal-palm u t-theddida tal-Bumunqar Aħmar

Fiona Grech

**Problema kbira li tissemma ħafna fuq il-palm hija propju dik tar-Red Palm Weevil, bil-Malti, il-Bumunqar Aħmar tal-Palm.**

Din il-ħanfusa tagħmel ħsara kbira fuq il-palm ghax l-istadji larvali jghawru u jieklu miz-zokk prinċipali u jikkawżaw il-mewt tal-palma. Xi kultant jista' jkun hemm aktar minn 80 dudu fiz-zokk tal-palma infettata

**Il-morfoloġija**

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm huwa maghruf bl-isem xjentifiku ta' *Rhynchophorus Ferrugineus.* Bl-Ingliż huwa maghruf bħala 'Red Palm Weevil', u jagħmel parti mill-ordni tal-ħanfus, mal-grupp tal-bumunqari. Din il-ħanfusa hija pjuttost kbira fid-daqs, b'tul ta' bejn żewġ u ħames ċentimetri. Il-munqar prominenti kemxejn mgħawweġ, il-kulur ħamrani lewn is-sadid u t-tikek suwed huma karatteristiċi ta' dan l-insett. Il-ġwienaħ ta' dan l-insett huma b'saħħithom, għaldaqstant kapaċi jtir distanzi konsiderevoli.

**Iċ-ċiklu bijoloġiku u l-ħsara kkawżata**

Il-ħsara li ssir lis-siġar tal-palm hija kkawżata primarjament mil-larva. Dawn il-*larvae* jagħmlu ħsarat kbar; anke larva waħda kapaċi tagħmel ħsara konsiderevoli, u anke saħansitra jikkawża l-mewt tal-palma. Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm adult mara tbid madwar 200 bajda mal-bażi ta' weraq li jkun għadu żgħir, jew ġo feriti preżenti fiz-zokk. Dawn il-bajd jieħdu madwar tlett ijiem biex ifaqqsu, u l-perjodu tal-larva jieħu madwar xahrejn, filwaqt li l-perjodu tal-pupa ddum tliet ġimgħat. Dawn il-figuri jistgħu jvarjaw skont il-klima tal-pajjiż.

Il-*larvae* jieklu billi jħaffru l-palma minn ġewwa, fejn jagħmlu ħafna ħsara. Huwa diffiċli biex tinduna minn kmieni li l-palma hija infestata bil-Bumunqar Aħmar tal-Palm, għax iċ-ċiklu tiegħu jibda minn ġewwa l-palma, u normalment ma jitlax fil-wiċċ tas-siġra. Għaldaqstant, il-*larvae* ma jidhrux, u lanqas is-sintomi tal-ħsara li tkun qiegħda ssir. Ħafna drabi, meta wieħed jibda jara l-ewwel sintomi, ikun diġà tard wisq għax diġà tkun saret wisq ħsara. Qed isiru studji fuq kif wieħed jista' jagħmel użu mill-ħsejjes tal-*larvae* li jinstemgħu minn ġoz-zokk tal-palma b'apparat speċjali. B'hekk jista' jinduna minn kmieni jekk hemmx id-dudu preżenti.

Meta l-infestazzjoni tkun avvanzata, wiehed jista' jilmaħ likwidu magħqud ta' lewn kannella mal-palma, u anke frak u biċċiet ta' fibra ħerġin minn ġo toqob żgħar li jkunu tħaffru minn dan l-insett. It-taħsir fil-palma jikkawża wkoll riħa karatteristika. Barra minn hekk, il-weraq tal-palma jibdew jisfaru u jitbielu, u xi weraq ċentrali jinqalgħu faċilment minħabba t-taħsir fuq ġewwa.

**Distribuzzjoni ġeografika**

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm oriġina fl-Asja tropikali. Peress li dan l-insett kapaċi jadatta ruħu tajjeb ħafna għal klimi differenti, malajr xtered fl-Afrika u fl-Ewropa, u laħaq ir-reġjun tal-Baħar Mediterran fit-tmeninijiet. Instab fi Spanja fl-1994, f'Iżrael u l-Ġordan fl-1998/99, u fi Franza, l-Italja, Mallorca, il-Greċja u Ċipru, fl-2006. Fis-sena 2007, dan l-insett instab ukoll f'Malta. Il-kawża prinċipali ta' din ir-rata għolja ta' firxa tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm hija t-trasportazzjoni ta' siġar tal-palm minn postijiet infestati b'dan l-insett.

**Kontroll**

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm, fil-preżent, huwa meqjus bħala l-iktar insett li qiegħed jagħmel ħsara fis-siġar tal-palm madwar id-dinja. Fir-reġjun tal-Mediterran, iż-żewġ speċi ta' palm konċernati huma l-*Phoenix Dactylifera* u *P. Canariensis*. Din tal-aħħar hija l-aktar attakkata minn dan l-insett, imma dan l-insett jista' jattakka speċi ta' palm ornamentali ieħor. Għaldaqstant, ittieħdu miżuri biex tiġi kkontrollata l-firxa allarmanti ta' dan l-insett u qed jiġu wżati diversi metodi

biex dan jiġi kkontrollat. Waħda minn dawn il-metodi hija l-użu ta' nases bil-feromoni. Dawn il-feromoni huma sustanzi li tipproduċi l-insett mara biex tattira lejha insetti rġiel. B'hekk, l-irġiel tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm jinqabdu fin-nassa minħabba din is-sustanza. Metodu ieħor li qiegħed jintuża biex isalvaw palm infestat, huwa l-kontroll kimiku. Dan isir billi jintefgħu l-pestiċidi ġoz-zokk tal-palma, jew billi s-siġar tal-palm jitbexxu b'insettiċidi addattati.

Fi żminijiet partikolari, bħal Ħadd il-Palm jew fi żmien meta jiġu ppreparati l-kannizzati għas-sajd tal-lampuki, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti jisħaq fuq l-importanza li jkun żgurat li l-friegħi tal-palm li jintużaw għal dawn l-iskopijiet, għandhom ikunu ħielsa minn kull sintomu assoċjat mal-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm. Għaldaqstant, skont l-Avviż Legali 42 tal-2009, żbir ta' siġar tal-palm ma jistax isir jekk mhux bil-permess ta' dan l-istess Direttorat. Dan għandu jseħħ sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm bħalma diġà kien il-każ hawn Malta fis-snin li għaddew. Dan il-bumunqar iħaffer il-palm u kapaċi joqtol is-siġar f'perjodu qasir ta' żmien. Il-ħanfusa kapaċi ttir distanzi twal biex tinfesta siġar oħra tal-palm.

Is-siġar tal-palm li minnhom isir iż-żbir tal-friegħi għandhom jitbexxew b'pestiċidi addattati għal wara ż-żabra skont il-provvedimenti li jaqgħu taħt in-Notifika tal-Gvern Numru 564 tal-2011. Dan it-trattament għandu jiġi ripetut għal tliet darbiet konsekuttivi biex nipproteġu bl-aħjar mod possibbli lis-siġar tal-palm. Il-friegħi għandhom jiġu maqtugħa żgħar kemm jista' jkun sabiex jitnaqqsu l-partijiet infettati li ġeneralment ikunu kkonċentrati fil-parti t'isfel tal-fergħa. Il-bażi tal-fergħa li tkun inqatgħet għandha tiġi mgħottija b'taħlita taż-żabra li tagħqad fuq il-ferita. Dan minħabba li l-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm jiġi attirat minn dan il-qtugħ frisk sabiex jiddepożita l-bajd.

F'ċerti pajjiżi qegħdin jiġu ppruvati metodi oħrajn, bħal injezzjoni ġoz-zokk ta' nematodi li jagħmlu ħsara lil dan l-insett. Dawn in-nematodi jissejħu entomopatoġeniċi u ladarba jkunu fis-siġra, ifittxu l-insett qerriedi, iħaffru ġo fih u jerħu *bacterium* li jikkawża l-mewt tal-insett f'perjodu ta' tlett ijiem. Dan it-tip ta' kontroll huwa magħruf bħala kontroll bijoloġiku. Għalkemm dawn il-metodi li semmejna jagħtu riżultati tajbin fil-laboratorju, mhumiex dejjem daqstant effiċjenti fil-prattika. Dan għaliex hija diffiċli ħafna biex tilħaq l-istadji kollha taċ-ċiklu ta' dan l-insett ġo palma, anke jekk il-kontroll jipprova jintlaħaq b'injezzjonijiet intensivi u ripetuti.

Importanti li siġar tal-palm infestati bil-Bumunqar Aħmar tal-Palm, anke jekk ikunu mietu, għandhom jitneħħew mill-ewwel u jinħarqu, u l-post għandu jinżamm nadif. Wieħed irid joqgħod attent ħafna biex ma jikkawżax feriti fiz-zokk tal-palma, għax feriti jew toqob huma postijiet ideali fejn il-Bumunqar Aħmar tal-Palm ikun jista' jbid. Għalhekk, feriti jew toqob fil-palma għandhom jiġu mgħottija. Meta jinqatgħu weraq tal-palm, is-siġra tiġi mill-ewwel imbexxa' b'insettiċidi, u idealment il-feriti fil-friegħi jinżebgħu b'żebgħa apposta. Għal aktar informazzjoni u gwida, wieħed jista' jżur is-sit elettroniku tad-Dipartiment.

**Konklużjoni**

Kif rajna, għadu ma jeżistix metodu effiċjenti biżżejjed biex jelimina l-Bumunqar Aħmar tal-Palm mill-bidu. L-importanza ta' kontroll ta' dan l-insett fl-Ewropa hija waħda kbira, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran, u għaldaqstant il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea daħħlu numru ta' miżuri. Fost dawn ta' min isemmi li kull wieħed minna huwa fl-obbligu li meta jara xi palm marid jew suspettat li hu marid, iridu jiġu infurmati mill-ewwel l-awtoritajiet Maltin. Dan jista' jsir billi nċemplu lid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti fuq 2339 7545 jew 2590 4312 għall-kontroll ta' dan l-insett.



Sintomi ta' siġra infettata



Bumunqar Aħmar Adult

# Is-Siġra ta’ Ġuda

Alden Grima

Waħda mill-isbaħ siġar indiġeni li nsibu f’Malta hija s-Siġra ta’ Ġuda. L-isem xjentifiku tagħha huwa *Cercis siliquastrum* u ġejja mill-familja tal-legumi (tal-miżwed). Hija siġra ħorfija li twaqqa’ l-weraq tagħha fix-Xitwa imma l-ispettaklu li toffri meta tiftaħ il-fjuri fir-rebbiegħa huwa impressjonanti. Il-fjuri joħorġu fl-istess żmien li jibda r-rimi l-ġdid tal-weraq u peress li l-volum ta’ fjuri huwa kbir, dan jiksi litteralment il-friegħi kollha tas-siġra b’kulur roża. Bla dubju din is-siġra turina biċ-ċar li x-xitwa tkun waslet biex tħallina. Hija siġra li tiġbed lejha ħafna insetti tad-dakra fosthom in-naħla tal-għasel li jżuruha biex jixorbu n-nektar li tipproduċi.

Il-fjuri huma ermafroditi jiġifieri għandhom il-partijiet femminili u maskili. Wara li jiddakkru, il-fjuri jiffurmaw imżiewed biż-żerriegħa li jimmaturaw fil-ħarifa. Dawn ġieli jinfetħu u jwaqqgħu ż-żerriegħa u ġieli jibqgħu mdendlin saħansitra sax-xitwa tas-sena ta’ wara, anke jekk il-weraq ikunu waqgħu. Huwa f’dan iż-żmien li għandna niġbru l-imżiewed biż-żerriegħa biex fir-rebbiegħa ta’ wara nofsquhom u niżirgħuha. Iż-żrigħ għandu jsir ġo qsari żgħar f’taħlita ta’ ħamrija u ftit kompost. Ikun aħjar jekk wieħed jismot ftit iż-żerriegħa bil-misħun biex jitnaqqas iż-żmien biex iż-żerriegħa tinbet.

L-abitat naturali ta’ din is-siġra huwa l-makkja Mediterranja. Infatti tikber fin-nofsinhar tal-Ewropa u l-Lvant Nofsani. Sejbiet ta’ fossili juruna li din is-siġra kienet tikber fuq dawn il-gżejjer minn qabel il-wasla tal-bniedem. Wisq probabbli sfat eradikata mill-ewwel bdiewa u raħħala biex tagħmel wisa’ għal art agrikola. Kien ħafna żmien wara illi saru tentattivi biex terġa’ tibda titħawwel f’postijiet pubbliċi u ġnub tat-toroq. Illum insibuha tikber b’mod naturali ġewwa l-Buskett. Is-siġra llum tgawdi minn protezzjoni legali u huwa ksur tal-liġi jekk wieħed iqaċċat jew jagħmel ħsara lil din l-ispeċi.

## Fatt interessanti

Hemm ħafna verżjonijiet dwar minn fejn ħadet isimha din is-siġra. Peress li din twarrad għall-ħabta tal-Ġimgħa Mqaddsa, ħafna jaħsbu li ħadet isimha minn leġġenda li tgħid illi Ġuda l-Iskarjota temm ħajtu ma’ din is-siġra wara li ta lil Kristu f’idejn l-għedewwa biex isallbuh. Jista’ jagħti l-każ illi wisq probabbli kien hemm xi interpretazzjoni żbaljata tal-isem tagħha. Is-siġra, kif għidna, tikber sewwa fil-Lvant Nofsani inkluż il-Ġudea, ġewwa l-Iżrael, u għalhekk l-isem tagħha seta’ kien is-siġra tal-Ġudea li maż-żmien mhux f’Malta biss imma mad-dinja kollha inbidel għas-Siġra ta’ Ġuda.



# L-Għasfur tal-Bejt



Alden Grima

Wieħed mill-iktar għasafar komuni li nsibu f'Malta huwa bla dubju l-għasfur tal-bejt. Il-kelma tal-bejt għandha għeruq semitiċi li tfisser dar u appuntu dan l-għasfur ifittex l-aktar postijiet abitati

Għalkemm iħobb jirgħa fil-kampanja, ifittex żoni urbani kemm għall-irqad kif ukoll biex jibni l-bejta. Infatti pjazez bis-siġar jiġbdu ħafna għasafar li ftit qabel jidlam jinġabru għall-irqad u b'geġwiġija ta' ħsejjes donnhom jiftehmu fejn hu posthom. Il-bejtiet iħobb jibnihom fil-ventilaturi tad-djar meta jsibhom mikxufin u spiss tarahom kif terġa' tibda tisħon l-arja jġorru biċċiet ta' ħaxix niexef, spag u rix lejn il-bejta. Ġieli jibni l-bejta fil-qċaċet tas-siġar, li spiss tkun kbira ħafna għad-daqs tiegħu u jagħtiha għamla xejn ordnata. Sfortunatament dawn tal-aħħar jitilfu ħafna btan speċjalment meta r-riħ jonfoħ b'saħħtu f'Mejju. Il-bejta tinbena mill-mara u mir-raġel flimkien. Il-boton tipiku hu ta' bejn tlieta u tmin bajdiet li jfaqqas wara tnax-il jum u l-frieħ itajjru mill-bejta wara ħmistax-il jum.

Fl-imgħoddi l-bdiewa kienu jorbtu katusi antiki jew imkissra tal-fuħħar mal-ħitan tal-irziezet biex iżidu l-postijiet għall-bejtiet. Għalkemm l-għammelin jagħmlu ħsara fl-uċuħ tar-raba għax inaqqru kemm iż-żrieragħ speċjalment taż-żara' (qamħ, xgħir, eċċ) kif ukoll frott misjur, l-antiki tagħna kienu jqisuhom bħala sors ta' proteina fi żminijiet meta l-laħam ma kienx daqshekk komuni fuq il-mejda tal-Maltin. Wara li jgħaddi l-istaġun tal-bejta fir-rebbiegħa, kienu jonsbulhom permezz ta' misqja fix-xhur sħan tas-sajf. Kienu jagħmlu mnasab żgħar fuq misqja, ħawt jew għadira naturali li fiha żżomm l-ilma u jagħmlu ċert li l-ilma ma jonqosx. Meta jaraw li qed jinġabru ħafna għasafar kienu jagħmlu sajda għammelin. Dawn kienu jinqabdu għall-ikel u ħafna drabi kienu jew jaqluhom jew jimlew xi torta bihom. Illum dan l-għasfur huwa protett bil-liġi u t-teħid tiegħu huwa illegali.

Ta' min jinnota li f'Malta nsibu żewġ speċi ta' għasafar tal-bejt li huma l-għammiel tal-bejt (bl-Ingliż *Spanish sparrow*, isem xjentifiku *Passer hispaniolensis*), u l-għammiel tas-siġar (bl-Ingliż *Tree sparrow*, isem xjentifiku *Passer montanus).* Dan tal-aħħar mhux komuni daqs l-għammiel tal-bejt u nsibuh l-aktar fil-kampanja. *Għalkemm jissejjaħ tas-siġar iktar ifittex kampanja miftuħa u l-bejtiet ja*għmilhom fil-ħitan tas-sejjieħ, xquq fil-blat, u f'binjiet abbandunati.

Dan l-għasfur spiss joħloq dibattitu. Ħafna jgergru għalihom, għax iħammġu l-karozzi jew il-bankijiet ta' taħt is-siġar jew għax isoddu l-ventilaturi bil-bejtiet tagħhom. Mill-banda l-oħra ssib oħrajn li l-hena tagħhom jagħlfuhom il-frak tal-fdal tal-ħobż fix-Xitwa meta l-ikel jaqbad jiskarsa. Li hu żgur hu li l-għammiel tal-bejt hu xiehda tal-karattru Malti. Fejn għasafar oħra tad-daqs tiegħu jpassu biex ifittxu artijiet aħjar, dan l-għasfur jirnexxielu jgħix magħna s-sena kollha mill-ftit li tipprovdi din l-art.



# L-Agrikummerċ: Kwalifika ġdida tal-MATSEC

Mark Psaila

Minn din is-sena skolastika, 2014 - 2015, l-istudenti tat-Tielet Sena Sekondarja kellhom għażla ta' suġġett ieħor - l-Agrikummerċ. Dan is-suġġett vokazzjonali tfassal fuq is-sillabu tas-suġġett li jiġi mgħallem fl-Istitut tal-Agrikummerċ fl-MCAST u jwassal lill-istudenti li jagħżlu li jsegwuh għaċ-**Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (ĊES)** li jingħata mill-Bord tal-Matrikola u l-Edukazzjoni Sekondarja, il-MATSEC**.** B`dan iċ-ċertifikat, dawn l-istudenti jistgħu jagħżlu li jkomplu jistudjaw is-suġġett f'livell ogħla fl-Istitut tal-Agrikummerċ fl-MCAST, inkella jippreżentawh ma' ċertifikati oħra biex jinkitbu f`istituzzjonijiet post-sekondarji oħra jew japplikaw għal impjieg. F`dan il-każ, il-vantaġġ ikun li dawn ikollhom għarfien bażiku f`suġġett b'għarfien fl-ambjent, fix-xjenza u fl-intrapriża.

L-għarfien tas-sillabu ta' dan is-suġġett sar wara laqgħat ta' preparazzjoni mal-bord tal-*MATSEC*, mal-bord tal-amministrazzjoni tal-MCAST u mad-Direttorat tal-Kurrikulu fi ħdan id-Direttorati tal-Edukazzjoni. F'dawn il-laqgħat ġie indikat x`inhuma r-riżorsi li hemm bżonn biex dan is-suġġett ikun jista' jiġi mgħallem b'suċċess.

Riżorsa importanti ħafna għat-tagħlim tal-Agrikummerċ hija l-art. L-Agrikummerċ hu bbażat fuq tkabbir ta' ħaxix u t-trobbija tal-fniek, u għalhekk l-art hija importanti ħafna. Għal dan il-proġett kien hemm bżonn ta' spazju miftuħ, b`ħamrija fonda u fertili bi lqugħ u kenn mir-riħ. Kien hemm bżonn ukoll riserva ta` ilma ħelu fil-qrib u sistema tal-elettriku u tal-ilma madwar il-post kollu. Riżorsi oħra huma l-bini ta' kumpless żgħir li jinkludi klassijiet, laboratorju, maħżen żgħir, *dressing rooms, toilets* u *showers,* u x-xiri ta' għodda għall-ħidma tar-raba'.

Is-sillabu tal-Agrikummerċ huwa bbażat fuq it-tagħlim ta' dawn it-tliet suġġetti: *Plant and Soil Science, Vegetable Production* u *Rabbit Breeding*. B'dan il-mod, is-suġġett jorbot it-tkabbir tal-pjanti, it-trobbija tal-fniek u l-ħarsien tal-ambjent flimkien, biex l-istudenti jaraw l-Agrikoltura bħala tagħlim ħolistiku li jista' jwassal għal xogħol fis-sod u li jħalli l-qligħ. Għalkemm inżamm il-kuntest internazzjonali u Mediterranju, dan is-suġġett jiffoka fuq aspetti Maltin u jisfrutta lil Malta bħala gżira. Is-suġġett tal-Agrikummerċ qed jaħdem id f'id ma' suġġetti oħra bħall-Kimika, il-Bioloġija, il-Matematika u l-Ingliż fost l-oħrajn. Il-pedagoġija wżata fit-tagħlim ta' dan is-suġġett vokazzjonali qed twassal lit-tfal jitgħallmu, jaħsbu, jiddiskutu u jpartu l-ideat.

Fuq bażi nazzjonali u Ewropea, l-introduzzjoni ta' dan is-suġġett vokazzjonali fis-sistema edukattiva sekondarja ser tgħin biex is-sengħa tal-biedja tibqa' ħajja u sostenibbli, u b'hekk, irħula rurali jibqgħu bil-karatteristiċi tagħhom, xi ħaġa li tiġbed sew it-turiżmu lejn Malta. Fl-istess waqt, il-konsumatur Malti jibqa' jsib prodotti friski mkabbra lokalment.

L-Agrikummerċ bħala kwalifika fil-Livell Ordinarju tal-MATSEC għandu l-għan li l-idea li fl-agrikoltura wieħed ma jistax javvanza fl-istudji tiegħu jew ma jsibx xogħol bi qligħ xieraq, titneħħa. Meta qed jistudjaw l-agrikoltura, l-istudenti, minbarra li jkunu qed jiksbu tagħrif u ħiliet fis-suġġett, jitrawwem fihom apprezzament lejn l-ambjent naturali kif ukoll sens ta' responsabbiltà lejn ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Joseph Borg

# L-Almanakk tal-ġardinar

## X'nistgħu nagħmlu fir-Rebbiegħa

Insellmilkom! Illum ninsab magħkom ħalli naraw flimkien x'nistgħu nagħmlu matul dawn ix-xhur meta l-maltemp u l-ksieħ qegħdin jonqsu u qed ikollna iktar ħin ta' dawl u bnazzi. Naraw kif nistgħu nkunu ta' benefiċċju għan-natura li bħalissa titwieled mill-ġdid

### Siġar taċ-Ċitru

- **Żabra u bexx xejn** - l-ewwel inħallu l-frott jagħqad.
- Għall-aħħar tax-xahar, nistgħu nneħħu l-friegħi li jkunu nexfin u r-rimi żejjed. Meta naqtgħu friegħi ħoxnin, b'dijametru ta' aktar minn żewġ ċentimetri, importanti li jinżebgħu b'żebgħa tal-ġrieħi tas-siġar biex tagħlaq il-ferita, u b'hekk la tidħol moffa, la batterja u lanqas ilma tax-xita taħt il-qoxra. Jista' jingħata d-demel u l-art tinħarat sew.
- **Fil-frott irqiq**, ix-xogħol irid ikun it-tneħħija tar-rimi żejjed minn fuq iz-zokk prinċipali. Importanti li taħt is-siġar jinħarat biex jinżamm nadif u ħieles mill-ħaxix selvaġġ.

### Tilqim tas-siġar tal-frott bil-qoxra

- **Is-siġar tal-ħawħ u n-nuċiprisk** għandhom jitlaqqmu fuq GF677 jew lewż morr, lanġas u bambinella fuq l-isfejġel jew *pyrus comunis*, filwaqt illi t-tuffieħ jitlaqqam fuq l-isfejġel, MM106 u MM101. L-għajnbaqar u l-berquq għandhom jitlaqqmu fuq Mylaberon 29C. Jistgħu jitlaqqmu wkoll is-siġar tat-tin, ir-rummien, in-naspli, u s-siġar taċ-ċitru minn fuq il-larinġ tal-bakkaljaw.
- Importanti li s-siġra li ser inlaqqmu kif ukoll is-siġra li ser nieħdu t-tilqima minnha jkunu msoqqija sew biex il-qoxra tinqala' mingħajr tbatija. It-tilqima tingħażel minn fuq fergħa b'saħħitha, ħielsa minn kull mard, u kemm jista' jkun tkun għal għajn ix-xemx.

### Żrigħ

- **Ħaxix tal-borma** - ġidra *(turnip)*, kaboċċi *(cabbage)*, pastard *(cauliflower)*, karrotti *(carrots)*, fażola li tixxeblek *(runnerbeans)*, qamħirrun *(maize)*, qargħa bagħli *(marrow)*, qargħa ħamra, qargħa Tork, qargħa tal-familja *(pumpkin and gourd)*, qargħa twil *(long marrow)*, pitravi *(garden beet)*, ravanell *(radish)*, ħjar *(cucumber)*, indivja *(endive)*, brunġiel *(eggplant)*, bżar aħdar *(green peppers)*, tadam *(tomatoes)*, bħajra - bettiegħ u dulliegħ *(melon and watermelon)*, patata ħelwa *(sweet potato)*, artiċoks *(Jerusalem artichokes)*, brokkoli *(broccoli)*, spraġ *(asparagus)*.
- **Ħwawar** – Biż-żerriegħa, nistgħu niżirgħu l-karfus *(celery)*, tursin *(parsley)* u ħabaq *(basil)*, bużbież *(fennel)*, bżar aħmar *(chilli peppers)*, bamja *(okra)*, ġunġlien *(sesame)*, eruka *(rocket)*, melissa *(lemon balm)*. In-nagħniegħ *(mint)* għandu jsir permezz tal-qsim tal-għeruq.

### Il-Qsari fid-Dar

Kabbar il-qasrija ta' dawk ix-xitel li għandhom l-għeruq issikkati fil-qasrija jew ħerġin ħafna minn taħt. Importanti li t-tisqija tkun regolari b'ilma frisk. Jista' jintuża anke l-ilma tal-*airconditioners* bejn tisqija u oħra, li jew jintuża waħdu jew ikun imħallat bil-fertilizzant. It-tisqija trid issir jew filgħodu kmieni jew wara li tibred il-ħamrija, filwaqt illi l-pjanti tas-sajf li qed jikbru b'rata mgħaġġla, nistgħu nkabbrulhom ir-reċipjenti.



# Il-fenomenu ġeoloġiku tal-Maqluba

David Schembri

Ftit huma dawk il-Maltin li tul ħajjithom ma żarux t-Tempji Neolitiċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, Wied iż-Żurrieq u l-Blue Grotto, jew ir-raħal żgħir imma pittoresk tal-Qrendi waqt il-festi tant popolari mad-dilettanti. Madanakollu ħafna huma dawk li għad fadlilhom jiskopru l-kappella u l-kripta ta' San Mattew, u l-fenomenu ġeoloġiku naturali tal-Maqluba li jinsabu f'dan il-lokal.

Misraħ il-Maqluba huwa wieħed mill-pulmuni naturali ta' dan ir-raħal fejn l-ambjent u l-wirt storiku joffri spazju wisq interessanti u ta' serħan il-moħħ, kemm għan-nies tal-lokal, għall-Maltin, kif ukoll mal-viżitaturi barranin li jieqfu għal xi ħin jistrieħu waqt xi mixja fil-kampanja. F'Misraħ il-Maqluba wieħed isib il-Kappella ta' San Mattew, il-kripta li tinsab biswitha u l-Maqluba. Il-kripta ta' San Mattew hija msemmija fl-istorja qabel l-1575, filwaqt li dik tal-Kappella ta' San Mattew iġġib id-data tal-1682.

Imma wieħed forsi jistaqsi x'inhi din il-famuża Maqluba? Il-Maqluba, hija formazzjoni ġeoloġika magħrufa bl-Ingliż bħala *doline* jew *sinkhole*, fejn l-ilma tax-xita, matul iż-żminijiet mermer il-ġebel ta' taħt wiċċ l-art, bir-riżultat li l-wiċċ waqa' u ħoloq ħofra kbira u fonda madwar erbgħin metru. Fenomenu rrappurtat li ġara nar it-23 ta' Novembru 1343 waqt tempesta kbira li laqtet lill-gżejjer Maltin.

Biss in-natura għandha metodu kif tirkupra minn kull saram. Il-ħamrija fertili li ddepożitat f'din il-ħofra serviet biex sa sebgħin sena ilu ppermettiet it-tkabbir tal-patata u tal-basal f'dan il-ħondoq. Din il-ħofra kennija mir-riħ għenet sabiex numru ta' speċi ta' siġar jikbru fiha fosthom il-ħarrub, ir-rummien, ir-rand u s-siġra nazzjonali tal-Għargħar.

Il-Maqluba għandha wkoll leġġenda marbuta magħha. Nisimgħu b'raħal ta' nies li ma kienux jimxu mar-rieda t'Alla u b'mara twajba li kienet titlob fil-kripta ta' San Mattew biswit il-Maqluba fejn irċeviet twiddib mis-smewwiet minħabba dan l-aġir. It-twiddib qatt ma ttieħed b'serjetà mir-raħħala u kien għalhekk li l-Mulej ordna l-art tibla' dan ir-raħal ħażin, u jinxteħet fl-abbissi tal-infern. Kienet biss il-mara twajba li salvat. Skont il-leġġenda lanqas x-xitan ma ried dan ir-raħal u beżaq lil din il-komunità' fil-baħar u hekk iffurmat il-gżira ta' Filfla.

Misraħ il-Maqluba jifforma parti minn Natura 2000, u hija inizjattiva oħra tal-proġett *MaltaGoesRural* fi ħdan il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta.







# Titlobx għax-xita f'Jannar!

Philip Camilleri

Min jaf dan il-qawl kemm-il darba ntqal meta jiġri xi ħaġa li tkun mistennija. Ix-xita f'Jannar tkun mistennija u għandna nieħdu gost biha u anke jekk tkun abbundanti hija importanti wkoll. L-istess tkun mistennija fi Frar fejn jingħad li 'Frar fawwar u jfawwar il-bjar'

Ix-xita hija neċessarja għall-uċuħ kollha tar-raba, kif ukoll għal uċuħ li jikbru naturali bħax-xagħri, il-makkja u l-imsaġar. L-ilma tax-xita li jinżel fuq wiċċ l-art, jidħol fil-pori tal-ħamrija bħal ma jidħol ġo sponża u jibqa' maħżun hemmhekk iservi l-għeruq tas-siġar u l-ħxejjex li jkun jikbru matul ir-rebbiegħa u s-sajf.

L-ilma fil-ħamrija mhux biss jixorbu minnu l-pjanti iżda jservi wkoll biex jinħallu dawk is-sustanzi neċessarji għall-pjanti. Minn dan l-ilma jixorbu wkoll dawk il-ħlejjaq żgħar li jgħixu fil-ħamrija u madwar l-għeruq. Fosthom, hemm dawk il-mikrobi benefiċċjali li jkissru l-materjal organiku u s-sustanzi fil-ħamrija u jagħmluhom tajbin sabiex il-pjanti jkunu jistgħu jieklu minnhom.

L-ilma tax-xita żejjed joħroġ minn fuq wiċċ il-blat u jibqa' jaħleb għal tul ta' żmien. Dan magħruf bħala l-ilma tax-xaba' u jforni l-widien bl-ilma ċar, fejn iservi ta' għejxien għal ħafna ħlejjaq. Dan il-perjodu jtul skont it-tip ta' ħamrija, fil-każ tat-tafal idum l-aktar għax dan ikollu ħafna aktar pori. L-ilma tax-xaba' iservi wkoll biex jimla l-ġwiebi u l-bjar li jinsabu qalb ir-raba.

Ħafna mill-ilma li jasal sa fuq wiċċ il-blat jidħol mix-xquq u jinħażen fl-ilma tal-pjan. Liema ilma huwa importanti ferm biex jintuża fix-xhur nixfin tas-sajf. Dan l-ilma abbundanti fil-ħamrija jservi wkoll biex jaħsel u jeħles il-ħamrija mill-imluħa żejda speċjalment fejn il-biedja tkun intensiva.

Ix-xita hija importanti ferm aktar għall-biedja meta tidħol ir-rebbiegħa, fil-fatt jingħad li 'ftit xita ħruġ Marzu dħul April tiswa daqs karru deheb fin'. U bir-raġun, għax f'dan iż-żmien ħafna mill-uċuħ ikunu fl-aqwa tagħhom u jkunu qed jistennew dik il-ftit ilma biex jagħtu frott aħjar, imma s-snin ma jixtiebhux u x-xita kif jingħad li 'xemx u xita Alla jaf meta.'

